# MRO. WILLIE ATTARD 1899 - 1970

*Joseph Cauchi – Segretarju Ġenerali*

Mro. Willie Attard twieled fil-11 ta' Mejju 1899 u allura s-sena l-oħra kienet taħbat il-mitt sena minn twelidu. Huwa kien it-tieni iben fost erba' ħutu ta' Beneditt u Marija mwielda Vella. Ma kienx hemm dubju fuq il-ħiliet tiegħu għaliex ta' 8 snin kien diġa jdoqq il-kwartin mal-Banda Nazionale La Vallette tal-Belt Valletta. Daħal fil-militar fl-1914 bħala klarinettista u sassafonista. Studja taħt Mro. Anton Miruzzi, Giuseppe Abdilla, Carlo Diacono u għand Cardenio Botti. Mro. Willie Attard ħalla din id-dinja fit-3 ta' Marzu 1970 fl-għomor ta' 71 sena.

Min kien Mro. Willie Attard għal Banda La Vittoria? Maestro Attard idderiġa l-Banda La Vittoria bejn l-1932 u l-1948 u reġa' ħa l-banda f'idejh bejn l-1952 u l-1957. Id-Direttur Mużikali Attard ħalla ħafna xogħlijiet mużikali oriġinali ta' kalibru fl-Arkivju Mużikali tas-Società Filarmonica La Vittoria fosthom marċi brijużi u anke funebri minbarra siltiet mużikali oħra fosthom Triumphant, Willard, Cesidiano, Alla Vittoria, Un Saluto a Malta, Joyce March u La Vittoria Suona la Fanfarra.

Ġojjel li huwa miżmum b'tant għożża u li huwa wirt dejjiemi għall-Banda La Vittoria huwa l-Inno di Gloria Alla Vergine Bambina fuq versi tal-eks President u President Onorarju Dr. George Zammit bħala radd il-ħajr lill-Bambina fl-1945 fi tmiem it-Tieni Gwerra Mondjali. Dan l-Innu ndaqq għal l-ewwel darba għall-festa ta' dik is-sena. L-2020 tfakkar ukoll il-75 sena mill-kompożizzjoni tal-Innu lill-Bambina. Is-sena 2020 taħbat wkoll il-tletin sena mill-mewt tal-Avukat Ġorġ Zammit. L-2020 tfakkar ukoll il-75 sena minn meta ndaqq l-Innu lill-Bambina għal l-ewwel darba.

Fil-bidu tal-2019, il-President flimkien mal-Kumtat Amministrattiv u t-tfal ta' Mro. Willie Attard bdew il-kuntatti sabiex fis-sena 2020 jiġi mfakkar il-ħamsin sena mill-Mewt ta' missierhom. Il-Programm Mużikali ta' din it-tifkira kien ippjanat sal-inqas dettal. Dan kien ser jinżamm nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju 2020. Kif nafu f'nofs Marzu li għadda nħarġu ċerti direttivi mid-Direttorat tas-Saħħa Pubblika fejn ingħalqu ħafna stabbelimenti fosthom il-Każini tal-Banda. Id-direttiva tas-Social Distance kkomplikat s-sitwazzjoni. Għalkemm il-preparamenti kienu lesti imma l-kunċerti għal dan il-programm kienu fl-aqwa tagħhom. Kollox kellu jieqaf ħesrem. Fl-aħħar mill-aħħar



kellhom jittieħdu d-deċiżjonijiet u għalhekk dan il-Programm Mużikali kellu jiġi mħassar. Huwa ħasra li kellu jiġri dan imma s-Società Filarmonica La Vittoria ma kelliex triq oħra għajr li timxi skont id-direttivi li nħarġu.

Irridu xorta nsellmu lit-tfal ta' Mro. Willie Attard u nwegħduhom li qatt mhu ser ninsew lill-missierhom u fuq kollox wieħed mill-pilastri bħala Direttur Mużikali li kellha l-Banda La Vittoria. Strieħ fis-sliem Mro. Willie Attard.